

# Talb għax-xita lil San Lazzru

**Id-dokument numru mija tnejn u tmenin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu ħlas magħmul mill-Università ta' Għawdex lil prokuratur tal-artal ta' San Lazzru. Jinsab reġistrat fil-għaxar volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1709–1710), folju 26r (NAG, UG, *Acta*, 10/1709–1710, f. 26r).**



Din hi t-traskrizzjoni tal-ħlas:

*A Mastro GioMaria Parnis, procuratore del venerando altare di San Lazzaro eretto nella Parrochiale Chiesa di San Giorgio di questo Rabbato, Scudi due, tarì dieci, e grani dieci di moneta; cioè Scudi 1:9 per consumo d'un rotolo e mezzo di cera dati alli Reverendi sacerdoti in tempo dell'espositione e reparazione; tarì 7:10 per mancamento di torce et sieduto(!); et tarì 6 al serviente di detta chiesa per giorni otto di espositione fatta in detta chiesa per implorare da San Lazzaro la pioggia, lì 24 aprile 1710.*

San Lazzru ta' Betanja – li Ġesù qajjem mill-mewt wara li kien ilu erbat ijiem mejjet – hu qaddis b'devozzjoni popolari ħafna fil-Knisja Biżantina. Mil-Lvant, id-devozzjoni tiegħu għaddiet għall-Punent. Il-festa jew tifkira tiegħu kienet issir tradizzjonalment is-Sibt ta' lejlet Ħadd il-Palm. F'xi nħawi tal-Knisja tal-Punent, it-tifkira tiegħu ssir nhar is-17 ta' Diċembru. Hawn Għawdex dan il-qaddis hu mejqum sa minn żminijiet qodma fil-parroċċa ta' San Ġorġ, ir-Rabat.

Fis-sena 1710, tliet mit sena ilu, il-festa ta' San Lazzru f'Sibt il-Palm ħabtet nhar it-12 ta' April u għalhekk jista' jkun li l-ħlas li sar nhar l-24 ta' April, 1710, kellu wkoll xi relazzjoni mal-festa. Dak iż-żmien il-prokuratur tal-artal tiegħu f'San Ġorġ kien Mastru Ġammarija Parnis. Nhar l-24 ta' April, it-teżorier tal-Università għaddielu s-somma ta' żewġ skuti, għaxra rbgħajja, u għaxar ħabbiet (madwar €0.55) ta' diversi spejjeż li kien għamel b'ordni tal-istess Università.

Minn dan id-dokument jidher ċar li tliet mit sena ilu, f'April 1710, kien hemm nuqqas kbir ta' xita. Għal dan il-għan l-Università, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex, ordnat tmint ijiem adorazzjoni fil-parroċċa ta' San Ġorġ. It-talb kien indirizzat b'mod speċjali lil San Lazzru ħalli jinterċiedi ma' Alla u jibgħat ix-xita f'waqtha. Dan il-ħlas sar b'relazzjoni ma' dan.

Il-ħlas li sar hu maqsum fi tlieta. L-ewwel, ħlas ta' skut u disgħa rbgħajja għal konsum ta' ratal u nofs ta' xama' mogħtija lis-saċerdoti fi żmien l-espożizzjoni u r-riparazzjoni. It-tieni, ħlas ta' seba' rbgħajja u għaxar ħabbiet biex kienu pprovduti t-torċi u l-bankijiet tagħhom peress li, milli jidher, kienu nieqsa fil-knisja parrokkjali. It-tielet, ħlas ta' sitta rbgħajja lis-sagristan għat-tmint ijiem li qagħad għassa fil-knisja.

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31